Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

12450/22

LIMITE

CORLX 787
CFSP/PESC 1147
RELEX 1178
COAFR 222
CONUN 203
FIN 918

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/…**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1770**
**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1.

Billi:

(1) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1770.

(2) Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni marbuta ma' tliet individwi soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PUBLIC

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC

## ANNESS

[…]

PUBLIC